MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Appell Civili Numru. 42/2007/1

**Il-Pulizija**
**(Spettur George Cremona)**

**v.**

**Pauline Vella**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell ad istanza ta' Pauline Vella minn sentenza moghtija fis- 16 ta' Dicembru 2008 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha li

ddisponiet minn riferenza kostituzzjonali li saritilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fil-11 ta’ Lulju 2007 fil-kawza Il-Pulizija (Spettur George Cremona) v Pauline Vella billi ddikjarat illi ma rrizulta l-ebda ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jew tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u lanqas ma rrizulta ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jew tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem bl-ispejjez jithallsu mill-akkuzata Pauline Vella.

*L-ordni ta’ riferenza*

**2.** Il-kwistjoni riferita lill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, wara diversi konsiderazzjonijiet u rilievi li ghamlet, hija kif gej:
“Rat ukoll iz-zewg noti pprezentati mill-partijiet. Xejn ma tista’ zzid din il-Qorti ma’ ebda nota in kwantu jesponu minn kull lat mod car il-punti ta’ ligi hawn involuti. B’dan pero’ li jibqa’ l-punt fondamentali jekk din il-Qorti llum ghandhiex kontra l-parir tal-periti psikjatrici tapplika ad litteram il-kliem tal-ligi fl-artikolu 623 u tibghat lil Pauline Vella gewwa Monte Carmeli. Thoss il-Qorti li tali punt mhux wiehed frivolu u vessatorji (*sic*) kif inhi t-tezi tal-Prosekuzzjoni u ghahekk tilqa’ t-talba tar-referenza Kostituzzjonali ai termini tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tibghat ghal dan l-iskop dawn l-atti lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sede Kostituzzjonali.“

*Ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-Prim Awla tal-Qorti Civili*

**3.** B’risposta tat-3 ta’ Ottubru 2007 ghar-riferenza kostituzzjonali l-Kummissarju tal-Pulizija wiegeb b’diversi sottomissjonijiet li jistghu jigu riassunti kif gej:

1. li t-tobba psikjatrici nominati mill-qorti istruttorja ghamlu osservazzjonijiet li jmorru oltre l-inkarigu moghti lilhom mill-Qorti liema osservazzjonijiet kellhom ghalhekk jigu njorati mill-Qorti;

2. l-Artikoli 42 u 43 tal-Kap. 236 tal-Ligijiet ta' Malta ma jimponux piena mandatorja peress li a tenur ta' dawn l-artikoli l-Qorti ma taghmel ebda dikjarazzjoni ta' htija izda tipprovdi ghal mizura ta' trattament taht kustodja u l-Artikolu 43 jipprovdi ghal procedura kif il-persuna mizmuma taht kustodja tista' tigi rilaxxjata;

3. hi zbaljata l-appellanti li tippretendi li taht l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea l-uniku mottiv li jiggustifika id-detenzjoni ta' persuna huwa li tkun nstabet hatja ta' reat ghaliex l-istess artikolu jirrikonoxxi lill-Istat d-dritt li jillimita l-liberta` ta' persuna li ma tkunx f'sensiha jew li tkun ragjonevolment suspettata li ghamlet reat sabiex tingieb quddiem l-awtorita` gudizzjarja kompetenti.

4. l-allegazzjoni li l-Artikolu 43 tal-Kap. 236 jikser l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea hi wahda frivola anki ghaliex bazata fuq premessi foloz bhal li d-detenzjoni ta' persuna tista' tkun gustifikata biss fil-kaz ta' persuna misjuba hatja ta' reat, li l-kustodja fl-isptar mentali hi wahda indefinita, li l-poter tal-Ministru taht l-Artikolu 43 imsemmi hu wiehed arbitrarju.

**Is-sentenza appellata**

**4.** B'sentenza tas-16 ta' Dicembru, 2008 il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali), ghar-ragunijiet premessi fis-sentenza, ddisponiet mir-riferenza kostituzzjonali billi ddikjarat illi ma rrizulta l-ebda ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u lanqas ma rrizulta ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Eworpea tad-Drittijiet tal-Bniedem u ordnat li kopja tas-sentenza tintbaghat lill-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti Istruttorja kif preseduta mill-Magistrat Dottor Miriam Hayman, biex tigi nserita fil-process tal-kawza **Il-Pulizija v Pauline Vella**, bl-ispejjez jithallsu mill-"akkuzata" Pauline Vella.

**5.** Wara li ghamlet rassenja tal-fatti tal-kawza u tad-diversi tappi procedurali li wasslu ghar-riferenza li saritilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, u

wara li rriproduciet d-diversi dispozizzjonijiet legali relevanti, l-ewwel Qorti ppremettiet diversi konsiderazzjonijiet li wassluha ghad-decizjoni taghha u dawn ser jigu hawn riprodotti ghall-ahjar intendiment ta' din is-sentenza:

"Ikkunsidrat :

"Illi l-Avukati difensuri tal-akkuzata Pauline Vella issottomettew illi l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 236 tal-Ligijiet ta' Malta illi jghid illi meta persuna tinsab li kienet mignuna fil-hin tar-reat sew jekk kienet mignuna fil-hin tal-procediment kriminali sew jekk le, l-akkuzat ghandu jinzamm f'kustodja fi sptar, u ghandu jigi trasportat, mizmum u jitqieghed f'kustodja f'dak l-isptar bis-sahha tal-ordni tal-Qorti. Ghalhekk jikkontendu illi dan l-artikolu jimponi piena mandatorja minkejja l-fatt illi fil-mument tar-reat l-imputat jinstab li kien ibati minn instabbilita' mentali u ghalhekk ma kienx kapaci li jifforma l-mens rea. Ghalhekk, skont id-difiza tal-akkuzata, permezz ta' dan l-artikolu persuna tkun qeghdha tigi privata mill-liberta' personali taghha minkejja l-fatt illi ma tkunx giet misjuba hatja ta' reat, u dan jammonta ghall-piena inumana u degradanti fit-termini tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-avukati difensuri tal-imputata jikkontendu wkoll illi l-ordni moghtija mill-Qorti ghar-rekluzjoni mandatorja, hija ta' natura ndefinita u ndeterminata peress illi m' hijiex suggett ghall-kondizzjoni ta' zmien determinat u d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 43 tal-istess Kapitolu jhallu f'idejn id-diskrezzjoni arbitrarja u assoluta tal-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja jekk jibghatx il-kaz ghall-ezaminazzjoni mit-Tribunal ta' revizjoni dwar sahha mentali, liema tribunal ma jistax jagixxi fuq it-talba tal-pazjent izda biss fuq talba tal-Ministru koncernat jew inkella jigi ordnat il-helsien tal-pazjent wara li l-istess Ministru jaghmel konsultazzjoni mat-tabib responsabbli u l-Manager tal-Isptar, jew inkella wara li jircievi l-parir tat-Tribunal, ghalhekk ir-rilaxx tal-pazjent inevitibbilment ikun suggett ghal dewmin amministrattiv.

"Ikkunsidrat:

“Illi l-avukati difensuri tal-imputata jikkontendu li ghalkemm l-imputata ma kienitx sana di mente meta kommettiet ir-reat illi bih hija tinsab akkuzata, illum il-gurnata
hija tinsab stabbli u ghalhekk, jekk tintbaghat lisptar Monte Carmeli, dan ikun ta’ detriment ghaliha.

“Ikkunsidrat:

“Illi l-Qorti ezaminat u fliet sew ix-xhieda moghtija mit-tobba psikjatri illi ezaminat, lill-akkuzata u rat illi rrizulta car mix-xiehda taghhom illi l-akkuzata tbati b’marda ta’ psikozi li ghall-finijiet tal-ligi hija genn. Hija m’ghandiex pussess ghall fakultajiet taghha biex tista’ taghmel gudizzju tajjeb. Minkejja dan, hija kapaci ssegwi dak li jkun qieghed jigri, ghaliex mill-aspett konjuttiv hija tajba, izda l-kundizzjoni taghha taffettwalha l-mod li tahseb u li tirraguna minhabba dawn il hsibijiet ta’ persekuzzjoni. Il-Psikjatra Dr. David Cassar sahansitra xehed illi huwa uza l-kelma kronika sabiex jiddeskrivi l-kundizzjoni tal-imputata u qal illi huwa car illi din hija kundizzjoni li ilha hemmhekk fit-tul. Huwa xehed illi huwa essenzjali illi Pauline Vella tibqa’ tattendi ghall-appuntamenti taghha l-isptar u tibqa’ tiehu l-kura.

“Illi huwa importanti ferm illi jigi rilevat illi fl-ebda hin l-esperti Psikjatri ma qalu illi l-imputata fieqet minn din il-marda u kif inhu ben risaput, ma hemmx fejqan ghall-psikozi, izda hemm biss kura illi trid tinghata kontinwament u ghal dejjem, il-kundizzjoni taghha giet deskritta bhala Paranojja kronika, psikozi, Paranojja kronika manifestata minn deluzjonijiet ta’ persekuzzjoni, u deluzzjonijiet ta’ referenza. Huwa minnu illi l-Psikjatri xehedu illi peress illi l-imputata zammet kuntatti regolari mas-servizzi Psikjatrici u tiehu kura regolari, l-kundizzjoni taghha tjiebet bil-mod illi zviluppat gharfien tal-kundizzjoni taghha. Izda jekk ghal xi raguni tkun li tkun, Pauline Vella ma tibqax tiehu l-kura regolarment u ghal dejjem hija terga’ tigi fl-istat illi kienet qabel ma bdiet tiehu l-kura u dana peress illi, kif diga ntqal, ghall-marda li tbaghti minnha l-imputata ma tezisti l-ebda kura izda jezisti biss trattament. Hija ma tista’ qatt tfieq mill-kundizzjoni li tbati

minnha. Effettivament il-Psikjatri irrakkomandaw illi Pauline Vella tibqa' taht kura Psikjatrika fuq bazi komunitarja, b' visiti regolari u kura farmakologika fit-tul.

“Ikkunsidrat:

“Illi l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jghid illi “hadd m'ghandu jigi privat mill-liberta' personali tieghu, hlief kif jista' jkun awtorizzat b'ligi fil-kazijiet li gejjin,” u bhala wahda minn dawn l-eccezzjonijiet il-Kostituzzjoni issemmi fl-istess artikolu “bhala konsegwenza tal-inkapacita' tieghu li jwiegeb ghal akkuza kriminali.”

“Illi l-paragrafu (i) tal-istess artikolu tal-Kostituzzjoni jghid hekk: 'Fil-kaz ta' persuna li tkun, jew tkun ragonevolment suspetta li tkun, ta' mohh marid, moghtija ghan-narkotici jew xorb, jew vagabonda, ghall-iskop tal-kura jew trattament taghha jew protezzjoni tal-komunita''.

“Illi l-Qorti ghalhekk tara li l-istess artikolu tal-Kostituzzjoni jghid illi ma jkun hemm l-ebda ksur ta' dan id-dritt fondamentali tal-bniedem jekk persuna tkun ipprivata mill-liberta' taghha f'kaz illi tkun ta' mohh marid ghall-iskop tal-kura jew trattament taghha jew protezzjoni tal-komunita' u tara illi dan il-kaz proprju jinkwadra fit-termini kemm tal-paragrafu (a), kif ukoll tal-paragrafu (i) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

“Illi fil-kaz odjern gie ppruvat illi Pauline Vella hija mignuna u ghalhekk f' dan il-kaz ma jista' bl-ebda mod jinghat illi izzamma taghha ghall-kura fl-isptar Monte Carmeli jista' b'xi mod jigi nterpretat bhala ksur tad-dritt taghha ghall-liberta' personali.

“Illi fil-kaz illi gie deciz mill-Qorti ta' Strasbourg fl-ismijiet Storck v Germany, tas-16 ta' Gunju, 2005 gie deciz illi zzamma ta' persuna fi klinika privata ma setghetx tigi gustifikata taht l-artikolu 5 “as it had not been lawful, due to the fact that she had not consented and no Court order had been obtained.”

“Illi ghalhekk f’ dan il-kaz ricenti, l-Qorti Ewropea irriteniet illi kien hemm ksur tal-artikolu 5, peress illi l-persuna ma kienitx tat il-kunsens taghha u ma kienx hemm ordni tal-Qorti. Illi fil-kaz odjern jekk tinhareg l-ordni tal-Qorti, ai termini tal-artikolu 623 tal-Kodici Kriminali, ma jistax jinghad illi jkun hemm ksur ta’ dan l-artikolu.

“Illi l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jghid illi hadd m’ghandu jkun assoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degradanti u dan l-artikolu huwa rispekkjat fl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.

“Illi l-Qorti rat decizjoni tal-Qorti Ewropea Strasbourg, fl-ismijiet Herczegfalvy kontra Austria tal-1992. Il-Qorti f’dak il-kaz qalet, ‘the applicant had been proved to have assaulted fellow prisoners and prison wardens together with threatening Judges, but the Court found that he was dangerous and not criminally responsible for his acts, due to a mental illness, paranoia querulans, therefore he was detained in a special prison and later a psychiatric hospital’. Il-Qorti qalet illi f’dak il-kaz kien jispetta lill-Awtoritajiet medici sabiex jiddeciedu fuq il-metodu li kellhom juzaw sabiex jikkuraw il-pazjent, anke bil-forza jekk ikun il-kaz, ‘to preserve the physical and mental health of patients who are entirely incapable for deciding for themselves and for whom they are therefore responsible. The established principles of medicine are admittedly in principle decisive in such cases as a general rule, a measure which is a therapeutic necessity cannot be regarded as inhuman or degrading. The Court must nevertheless satisfy itself that the medical necessity has been convincingly shown to exist …………… no violation of article 3 has thus been shown, hence the Court will permit the compulsory medical treatment of mentally ill patients who cannot make rational decisions about their own treatment.’

“Illi ghalhekk il-Qorti tara illi una volta kienu l-istess Psikjatri illi ezaminaw lil Pauline Vella illi ddecidew illi hija ghandha bzonn kura ghall-kundizzjoni mentali li tbaghti minnha fuq bazi regolari u fit-tul, il-fatt illi Pauline Vella tintbaghat sabiex tiehu din il-kura fl-isptar Monte Carmeli

ma jista bl-ebda mod iwassal ghal ksur tad-dritt fondamentali taghha illi ma tkunx issoggettata ghall-piena jew trattament inuman jew degradanti.

“Illi l-Qorti rat ukoll id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 262 tal-Ligijiet ta’ Malta, u senjatament l-artikolu 39 tal-istess Kapitolu minn fejn jirrizulta illi pazjent jista’ jaghmel applikazzjoni lit-Tribunal illi ghandu jordna illi pazjent jigi mehlus, jekk f’ xi zmien il-pazjent ma jkunx qed ibati minn disordini mentali jew jekk ma jkunx mehtieg, fl-interessi tas-sahha jew tas-sigurta’ tal-pazjent jew tal-harsien ta’ persuni ohra, li l-pazjent jibqa’ suggett li jigi mizmum, u meta jinghata ordni mit-Tribunal biex pazjent jigi mehlus, dik il-persuna ma tibqax suggetta li tigi mizmuma taht dan l-att.

“Illi l-Atikolu 40 tal-istess Kapitolu jghid illi applikazzjoni lit-Tribunal tista’ ssir anke mill-istess pazjent u l-applikazzjoni ssir b’ avviz bil-miktub indirizzat lis-Segretarju tat-Tribunal.

“Illi ghalhekk lanqas huwa minnu illi Pauline Vella m’ghandiex access ghal dan it-Tribunal, ghaliex kemm hi kif ukoll xi persuna ohra f’isimha tista’ f’kull hin taghmel applikazzjoni lit-Tribunal sabiex jezamina l-kaz taghha u jekk ma jkunx il kaz li tibqa’ mizmuma, hija ghandha tigi rilaxxjata mill-isptar Monte Carmeli.

“Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti tiddisponi minn din ir-riferenza Kostituzzjonali billi tiddikjara illi ma rrizulta l-ebda ksur tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jew tal-Atikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u lanqas ma rrizulta ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jew tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lill-Qorti tal-Magistrati Malta, bhala Qorti Struttorja kif presjeduta mill-Magistrat Dottor Miriam Hayman, biex tigi nserita fil-process tal-kawza, “Il-Pulizija vs Pauline Vella””.

**L-appell ta’ Pauline Vella**

**6.** Bir-rikors taghha tat-23 ta' Dicembru 2008 ir-rikorrent appellanti ghar-ragunijiet premessi fl-isess rikors talbet li s-sentenza fuq imsemmija tigi revokata in kwantu ddikjarat li ma rrizulta l-ebda ksur tad-drittijiet fondamentali taghha bl-ispejjez kontra taghha u minflok, filwaqt illi tissospendi l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-ismijiet premessi, tilqa' r-riferenza kostituzzjonali u tiddikjara li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 43 tal-Kapitlu 262 ghal kaz in ezami fil-proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttjora fl-ismijiet premessi jigu lezi d-drittijiet fondamentali taghha u senjatament d-drittijiet protetti mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jew tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

**7.** L-aggravji tal-appellanti Pauline Vella jistghu jigu riassunti kif gej:

1. l-ewwel Qorti naqset milli tevalwa sew dak li qalu l-periti psikjatrici dwar it-tip ta' kura li ghandu jinghata lill-appellanti in kwantu li dawn irrakkomandaw kura fuq bazi *outpatient* u mhux rekluzjoni u dan ghaliex ma kienetx tirrizulta fl-appellanti kundizzjoni ta' gravita` tali li tiggustifika rekluzjoni gewwa istituzzjoni mentali.

2. l-ewwel Qorti naqset milli tiddistingwi bejn l-istat mentali tal-appellanti fil-mument tal-kommissjoni tal-allegat reat u waqt il-mument tad-decizjoni fil-proceduri istruttorjI meta skont il-periti psikjatrici fi zmien il-proceduri istruttorji r-rakkomandazzjoni taghhom kienet ghal trattament *outpatient* u mhux rekluzjoni fi sptar psikjatriku.

3. l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra l-aggravju taghha in konnessjoni mal-Artikolu 43 tal-Kap 262 li jimponi piena mandatorja ghalkemm fil-mument tar-reat hija nstabet li kienet tbati minn istabbilita' mentali u ghalhekk mhux kapaci tifforma l-*mens rea* mehtiega.

4. illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet li l-appellanti kellha access dirett ghat-Tribunal ta' Revizjoni dwar Sahha Mentali, kemm personalment jew permezz ta' persuna ohra, sabiex it-Tribunal ikun jista' jordna r-rilaxx taghha mill-Isptar jekk jidhirlu li hekk ghandu jkun peress li l-Artikoli 39 u 40 tal-Kap. 262 li fuqhom strahet l-ewwel Qorti ma kienux applikabbli ghall-kaz taghha; ghall-kaz taghha hu minflok applikabbli l-Artikolu 43(2)(a)(b) li jhallu f'idejn il-Ministru responsabbli d-decizjoni jibghatx jew le l-kaz tal-appellanti ghall-ezami tat-Tribunal li ma jistax jagixxi fuq it-talba tal-pazjent izda biss fuq talba tal-Ministru koncernat, u dan jirrendi d-detenzjoni taghha fl-isptar Monte Carmeli wiehed arbitrarju minghajr ma jkun assoggettat ghal revizjoni minn awtorita` gudizzjarja.

**Ir-risposta tal-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija**

**8.** Ghall-appell ta' Pauline Vella l-Kummissarju tal-Pulizija wiegeb li billi ghar-ragunijiet moghtija fir-risposta tieghu talab lill-Qorti tichad it-talbiet kif kontenuti fir-rikors tal-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Ir-ragunijiet migjuba fir-risposta tal-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija jistghu jigu riassunti kif gej:

1. wiehed mill-periti psikjatrici nominati li fuq ir-rapport taghhom tishaq l-appellanti kien il-perit privat tal-appellanti u dan gie a konjizzjoni tal-prosekuzzjoni wara li l-istess perit psikjatra gie mahtur espert mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja u ghalhekk il-prosekuzzjoni ma setghetx topponi ghall-hatra tieghu;

2. il-periti psikjatrici oltrepassaw il-limiti tal-inkarigu taghhom meta dehrilhom li kellhom jirrakkomandaw x'tip ta' kura ghandha tinghata lill-appellanti meta l-uniku inkarigu li kellhom kien li jirrelataw fuq l-istat mentali ta' Pauline Vella fil-mument tal-kommissjoni tar-reat;

3. ma jispettax lill-Qorti li taghmel xi evalwazzjoni tat-trattament indikat mill-periti psikjatrici peress illi l-qorti la ghandha l-mansjoni skont il-ligi u lanqas ghandha l-

kwalifiki idoneji sabiex tordna r-rilaxx tal-appellanti semplicement a bazi tar-rapport tal-periti psikjatrici;

4. ordni mahrug taht l-Artikolu 43 tal-Kap. 262 ma jfissirx necessarjament rekluzjoni forzata tal-pazjent kif tippretendi l-appellanti izda tfisser biss li l-pazjent jitqieghed taht il-kustodja ta' istitut mentali idoneju li jkun jista' jiddetermina l-istat attwali tal-persuna in kwistjoni u t-trattament li ghandu jinghata li jista' anki jiehu l-forma ta' trattament *outpatient*, anki immedjatament jekk ikun il-kaz;

5. l-Artikolu 43 tal-Kap 262 ma jimponi ebda piena mandatorja u l-kustodja li tahtha titqieghed il-pazjenta ma jfissirx necessarjament detenzjoni fizika fl-isptar Monte Carmeli izda tista' tkun ukoll taht forma ta' visti regolari fuq bazi *outpatient*.

6. ma hemm xejn li jippreKludi lill-persuna koncernata li taghmel talba lill-Ministru kkoncernat sabiex il-persuna koncernata tigi ezaminata mit-Tribunal ta' Revizjoni dwar Sahha Mentali u jekk ikun il-kaz tkompli tiehu l-kura fuq bazi ta' *outpatient*.

**Fatti li taw lok ghall-kwistjoni**

**9.** Il-fatti salienti li taw lok ghar-riferenza lill-Prim Awla tal-Qorti Civili huma s-segwenti. Fl-14 ta' Ottubru 2005 l-appellanti Pauline Vella tressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja imputata li heddedt l-ghemil ta' atti ta' terrorizmu u b'theddid lil haddiehor b'xi delitt. Fl-istess datata l-appellanti Pauline Vella inghatat il-helsien mill-arrest taht garanzija u taht il-kundizzjoni li tigi ezaminata minn tabib psikjatriku li kellu jirrapporta lill-Qorti dwar l-istat mentali tal-imputata Pauline Vella. It-tabib psikjatriku li gie mqabbad privatament mill-imputata Pauline Vella xehed fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2005 quddiem il-Qorti Istruttorja u ddepona, *inter alia*, li Pauline Vella "Ma ghandhiex il-kapacita` di volere and intendere" u zied li l-kundizzjoni taghha kienet wahda kronika u ilha hemm fit-tul. Kompla jghid li huwa essenzjali li Pauline Vella tibqa' tattendi ghall-appuntamenti taghha l-isptar u li tibqa' tiehu l-kura.

**10.** Wara li xehed, l-istess Dr. David Cassar gie nominat mill-Qorti bhala perit psikjatriku flimkien ma' Dr. Ethel Felice u hatret ukoll lis-*social worker* Sandra Micallef li kienet gia` qed tassisti lil Dr. Cassar qabel ma gie nominat mill-Qorti perit psikjatriku. Fl-24 ta' Frar 2006 Dr. David Cassar u Dr. Ethel Felice esibew ir-relazzjoni kongunta taghhom dwar l-istat mentali tal-imsemmija Pauline Vella u kkonkludew, inter alia, illi Pauline Vella "qeghdha tbati minn kundizzjoni ta' Psikozi Kronika Paranoika manifestata minn deluzjonijiet ta' persekuzzjoni u ta' referenza li ilhom hemm ghal tal-inqas ammont ta' snin" u li "il-kundizzjoni taghha ghamlitha mhix kapaci ta' gharfien ta' rejalta`, mhix kapaci ta' awtokritika u mhix kapaci li tkun responsabbli ghall-agir taghha fil-kuntest tal-allegat rejat"[1]. Il-periti psikjatrici kkonkludew ir-rapport taghhom billi rrakkomandaw "illi Pauline Vella tibqa' taht kura psikjatrika fuq bazi kommunitarja b'visti regolari u kura farmakologika fit-tul."

**11.** Wara li semghet ix-xhieda tal-periti psikjatrici l-Qorti Istruttorja fl-24 ta' Frar 2006 ordnat ai termini tal-artikoli 42 u 43 tal-Kap 262 tal-Ligijiet ta' Malta li l-imsemmija Pauline Vella kellha tibqa' tattendi b'mod regolari ghall-kura bhala *out patient* fl-Isptar Monte Carmeli u, wara li giet informata li fejn fl-Isptar San Luqa Pauline Vella kienet qed tircievi *out patient treatment* huwa estensjoni tal-Isptar Monte Carmeli, l-istess Qorti awtorizzat lil Pauline Vella li tircievi l-kura msemmija anke gewwa l-Isptar San Luqa.

**12.** Eventwalment l-Avukat Generali ddikjara li kien jaqbel mal-konkluzjonijiet tal-periti psikjatrici u indika lill-Qorti Istruttorja li kellha tmexxi skont l-Artikolu 623 tal-Kodici Kriminali. Dan wassal lid-difiza ta' Pauline Vella sabiex jaghmlu sottomissjonijiet ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali taht il-Konvenzjon Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li wasslu sabiex il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja taghmel ir-riferenza lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili gia` riportata aktar qabel f'din is-sentenza.

---

[1] Fol. 249 tal-atti tal-kumpilazzjoni

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

**13.** Ghal darb'ohra din il-Qorti ssib ruhha f'pozizzjoni li jkollha tirrimarka dwar l-mod xejn preciz, u b'nuqqas ta' osservanza tar-rekwizit formali bazici stabbiliti mir-regolamenti, ta' kif qeghdin isiru r-riferenzi ta' kwistjonijiet kostituzzjonali li jigu sollevati fil-kors ta' proceduri li ma jkunux quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili. Il-Qrati, inkluza din il-Qorti, gja` rrimarkaw dwar dan f'aktar minn okkazzjoni wahda[2] izda jidher li l-Qrati riferenti jissoktaw filli jippekkaw serjament f'din il-materja bhal fil-kaz tar-riferenza odjerna. Wara kollox hemm regolamenti precizi li jistabbilixxu r-rekwiziti minimi ta' kull riferenza ta' kwistjoni kostituzzjonali u dawn ir-rekwiziti, li ma huma xejn esigenti, ghandhom jigu dejjem segwiti. Hekk, is-subinciz (1) tar-regola 5 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon Ordni[3] jipprovdi kif gej:

"Fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, f'l-artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u fl-artikolu 95(2)(*b*) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-ordni li bih kwistjoni tigi mibghuta ghandu jkun fih b'mod konciz u car il-fatti u c-cirkostanzi li minnhom il-kwistjoni tinholoq, it-termini ta' dik il-kwistjoni, u jindika liema hi d-dispozizzjoni jew liema huma d-dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, kif ikun il-kaz, li jkunu allegatament gew miksura."

**14.** Filwaqt li l-fatti li taw lok ghar-riferenza huma delineati adegwatament fl-ordni ta' riferenza, it-termini tal-kwistjoni riferita lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili huma inezistenti u l-ordni ma fih ebda indikazzjoni tad-dispozizzjoni jew dispozizzonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali li allegatament gew miksura. Ghalhekk l-ewwel Qorti, in vista tan-

---

[2] Ara, fost ohrajn, Il-Pulizija v Belin sive Benigno Saliba, Qorti Kostituzzjonali, 10/04/1991; Il-Pulizija v Lawrence Cuschieri, Qorti Kostituzzjonali, 8/01/1992; Il-Pulizija v Longinu Aquilina, Qorti Kostituzzjonali, 23/01/1992
[3] AL 279/2008

nuqqasijiet serji li fih l-ordni tar-riferenza, kienet tkun pjenament gustifikata li tibghat lura l-ordni ta' riferenza lill-Qorti riferenti sabiex tintegraha bir-rekwiziti skont kif previst fir-regola 5(1) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon Ordni.

**15.** B'danakollu**,** f'dan l-istadju inoltrat tal-proceduri, filwaqt li ghal darb'ohra tishaq fuq in-necessita` li l-Qorti riferenti tottempera ruhha ma' dak dispost fir-regoli fuq imsemmija, din il-Qorti ma hix ser thalli n-nuqqasijiet rilevati fl-ordni ta' riferenza jxekkluha milli tiddetermina l-mertu tal-kwistjoni li temergi mill-fatti delineati sakemm il-Qorti tkun tista' xort'ohra tidentifika t-termini tal-kwistjoni riferita, u dan sabiex jigi evitat kull dewmien bla bzonn fid-determinazzjoni ta' kwistjonijiet li jinvolvu d-drittijiet fondamentali tal-bniedem.

**16.** Il-kwistjoni li l-Qorti riferenti riedet li tigi determinata hi jekk hijiex obbligata li, kontra l-parir tal-periti psikjatrici, "tapplika ad litteram il-kliem tal-ligi fl-artikolu 623 (prezumibilment tal-Kap. 9) u tibghat lil Pauline Vella gewwa Monte Carmeli." Din hi l-kwistjoni riferita. Izda l-kwistjoni hekk riferita, kif formulata, ma fiha ebda aspett kostituzzjonali. Il-Qorti riferenti, izda, ddikjarat li qed tirreferi l-kwistjoni ai termini tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, u allura necessarjament kellha f'mohha li tirreferi din il-kwistjoni sabiex il-Qorti kompetenti tezaminha mill-perspettiva kostituzzjonali. Biex il-Qorti tipprova tifhem il-perspettiva kostituzzjonali li l-Qorti riferenti jidher li riedet li tigi ezaminata mill-qrati ta' kompetenza kostituzzjonali, din il-Qorti kienet kostretta tifli l-atti tal-kumpilazzjoni biex tirrintraccja t-talba tad-difiza tal-appellanti ghar-riferenza kostituzzjonali u s-sottomissjonijiet bil-miktub li saru dwarha u li ghaliha ghamlet accenn il-Qorti riferenti fl-ordni taghha. Maghmul dan il-Qorti kkonkludiet li sostanzjalment, ghalkemm mhux b'mod preciz[4], l-ewwel Qorti identifikat sewwa l-kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali li l-ewwel Qorti riedet li jigu rizolti. Dawn essenzjalment

[4] Ghaliex kuntrarjament ghal dak li jinghad fis-sentenza appellata il-Qorti riferenti ma ghamlet ebda accenn ghall-artikolu 43 tal-Kap. 262 tal-Ligijiet ta' Malta

jirrisolvu ruhhom fi kwistjoni wahda: jekk, fic-cirkostanzi tal-kaz tal-appellanti, l-fatt li l-Avukat Generali fir-rinviju tieghu tad-9 ta' Gunju 2006 invoka l-Artikolu 623 tal-Kodici Kriminali li jirrikjedi li l-Qorti tassattivament tordna li Pauline Vella tinzamm taht kustodja fl-Isptar Monti Karmelu biex hemmhekk tibqa' taht kustodja u mizmuma skont id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Att dwar is-Sahha Mentali jew kull dispozizzjoni ohra ta' ligi jew legislazzjoni applikabbli ghall-kaz, jiksirx l-Artikoli 34 u 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 3 u 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

*Id-dispozizzjonijiet legali relevanti*

**17.** L-Artikolu 623 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

*Artikolu 623 tal-Kodici Kriminali*

623. (1) Meta, fuq l-allegazzjoni msemmija fl-artikolu 620(1), l-akkużat jiġi iddikjarat miġnun, il-qorti tordna li dan jinżamm taħt kustodja fl-Isptar Monti Karmelu biex hemmhekk jibqa' taħt kustodja u miżmum skont id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Att dwar is-Saħħa Mentali jew kull dispozizzjoni oħra ta' liġi jew leġislazzjoni applikabbli għall-każ, u dawk id-dispozizzjonijiet għandhom japplikaw għall-akkużat skont dan.

**18.** Il-partijiet li jistghu jkunu relevanti tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jipprovdi:

*Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni*

34. (1) Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi fil-każijiet li ġejjin, jiġifieri -

(*a*) bħala konsegwenza tal-inkapaċita` tiegħu li jwieġeb għal akkuża kriminali;

(*b*) fl-esekuzzjoni tas-sentenza jew ordni ta' qorti, sew Malta sew band'oħra dwar reat kriminali li tiegħu ikun ġie misjub ħati;

......

(*i*) fil-każ ta' persuna li tkun, jew tkun raġonevolment suspetta li tkun, ta' moħħ marid, mogħtija għan-narkotiċi jew xorb, jew vagabonda, għall-iskop tal-kura jew trattament tagħha jew protezzjoni tal-komunita`;

**19.** Il-parti relevanti tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jipprovdi:

*Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni*

36. (1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti.

L-Artikoli tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, safejn relevanti, huma li gejjin:

*Artikolu 3*

Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti.

*Artikolu 5*

(1) Kulħadd għandu d-dritt għal-liberta` u għas-sigurta` tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-liberta` tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi:

(*a*) id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna wara li tinsab ħatja minn qorti kompetenti;

…

(*e*) id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuni biex jiġi evitat it-tixrid ta' mard infettiv, ta' persuni mhux f'sensihom, addetti għall-alkohol jew għad-drogi jew vagabondi;

*L-allegat ksur tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni*

**20.** In kwantu ghall-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, il-fatti tal-kwistjoni jinkwadraw ruhhom biex jigu ezaminati fid-dawl tal-paragrafu (i) tas-subiniciz (1) tal-artikolu msemmi. L-Artikolu 623 tal-Kodici Kriminali ma giex invokat mill-Avukat Generali ghaliex l-appellanti Pauline Vella giet

ritenuta inkapaci li twiegeb ghal akkuza kriminali izda ghaliex l-Avukat Generali qabel mal-esperti psikjatrici nominati li Pauline Vella, minhabba genn skont il-ligi, ma kienetx kapaci tifforma l-*mens rea* mehtiega ghall-kommissjoni tar-reati addebitati lilha. L-Artikolu 623 jipprovdi li f'din l-eventwalita` l-Qorti "tordna li dan jinżamm taħt kustodja fl-Isptar Monti Karmelu biex hemmhekk jibqa' taħt kustodja u miżmum skont id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Att dwar is-Saħħa Mentali". L-artikolu 43 tal-Att dwar is-Sahha Mental, imbghad, jipprovdi li meta jkun inghata ordni minn qorti ta' gurisdizzjoni kriminali skont, *inter alia*, l-artikolu 623 tal-Kodici Kriminali meta jinstab li l-akkuzat kien mignun fil-hin tar-reat, bhal ma hu l-kaz odjern, u li jordna li l-akkuzat ghandu jinzamm f'kustodja fi sptar, l-akkuzat ghandu jigi trasportat, jigi mizmum u jitqieghed f'kustodja f'dak l-isptar bis-sahha tal-ordni tal-qorti u ghandu jitqies bhallikieku kien pazjent suggett li jigi mizmum fi sptar taht it-Taqsima III tal-Att imsemmi. Skont it-Taqsima III tal-Att imsemmi l-pazjenti suggetti li jigu mizmuma fi sptar taht it-Taqsima III msemmija jidhlu u jinzammu l-isptar ghall-osservazzjoni jew ghall-kura. Ghalhekk kull persuna li titqieghed fi sptar in segwitu ta' ordni maghmul taht l-Artikolu 623 tal-Kodici Kriminali jitqies bhala pazjent li qieghed hemm ghall-osservazzjoni jew kura bhal pazjenti ohra suggetti ghall-istess Taqsima III. Tenut kont tal-fatt li l-appellanti Pauline Vella giet ritenuta mill-periti psikjatrici bhala li qeghdha tbati minn "kundizzjoni ta' Psikozi Kronika Paranoika manifesta minn deluzjonijiet ta' persekuzzjoni u ta' referenza li ilhom hemm ghal tal-inqas ammont ta' snin" u tenut kont tal-fatti imputati lilha jirrizulta manifestament li, salv dak li ghad irid jinghad aktar 'il quddiem, l-appellanti tikkwalifika bhala persuna "ta' mohh marid" u li r-rikoveru taghha fl-isptar iservi "għall-iskop tal-kura jew trattament tagħha jew protezzjoni tal-komunità". Id-detenzjoni tal-appellanti fl-Isptar Monti Karmelu, jista' ghalhekk ikun potenzjalment gustifikat taht l-Artikolu 34(1)(e) tal-Kostituzzjoni.

**21.** L-appellanti, kemm quddiem il-Qorti Istruttorja, kemm quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, kif ukoll quddiem din il-Qorti, sahqet fuq il-fatt li d-detenzjoni forzata taghha fi

sptar ma kienetx gustifikabbli taht l-artikolu 34(1)(b) tal-Kostituzzjoni. Dan jista' jkun il-kaz, anzi, certament hu l-kaz, ghaliex l-appellanti ma nstabet hatja ta' ebda reat kriminali minhabba l-istat mentali taghha fiz-zmien tar-reat. Izda dan ma jeskludix li d-detenzjoni taghha fi sptar jista' jkun gustifikat taht xi paragrafu iehor tal-istess artikolu u di fatti jidher li dik id-detenzjoni tikkawlifika sabiex tigi kunsidrata hix gustifikabbli taht il-paragrafu (e) kif inghad.

**22.** Qari superficjali tal-paragrafu 34(1)(e) jista' jaghti x'jifhem li kwalunkwe mard tal-mohh ta' kull xorta u grad ta' severita` jiggustifika d-detenzjoni tal-persuna mentalment marida. Izda dan, certament ma jistax ikun il-kaz tenut kont tal-fatt li l-mizura li tittiehed in linea eccezzjonali sabiex tippriva persuna minn dritt fondamentali taghha trid necessarjament tkun in konformita` mal-ghan generali tal-istess artikolu u cioe` li trazzan l-arbitrarjeta` fid-detenzjoni tal-persuni kif ukoll mal-ghan ghal li dik l-eccezzjoni partikolari trid tilhaq u cioe`, fil-kaz odjern, detenzjoni bil-ghan ta' "kura jew trattament...jew protezzjoni tal-komunita`".

**23.** Fil-kuntest tal-Artikolu 5(1)(e) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, analogu ghall-Artikolu 34(1)(e) tal-Kostituzzjoni taghna, il-Qorti fi Strasburgu kellha aktar minn okkazzjoni wahda li fiha kkunsidrat x'iridu jkunu l-karatteristici tad-dizordni mentali sabiex persuna tkun tista' titqies "mhux f'sensiha" jew "of unsound mind" ghall-fini tal-paragrafu (e) imsemmi. Jidher li l-ewwel darba li gew enuncjati dawn il-kriterji minn dik il-Qorti kien fil-kaz **Wintwerp v. The Netherlands**[5] u dawn baqghu jigu ribaditi f'diversi sentenzi ta' dik il-Qorti[6]. Dawn il-kriterji huma li gejjin:

(i) jehtieg li jigi muri b'mod affidabbli u fuq il-bazi ta' perizja medika oggettiva li l-pazjent ikun ibati minn dizordni mentali;

[5] ECHR 24 ta' Ottubru, 1969 #39
[6] ECHR H.L. v UK, 5/10/2004 #98; Kolanis v UK, 2/6/2005 #67; Shtukaturov v Russia, 27/3/2008 #114; Shulepova v Russia, 11/12/2008 #41

(ii) id-dizordni trid tkun ta’ xorta u grad tali li tiggustifika d-detenzjoni forzata;
(iii) il-validita` tal-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tiddependi mill-persistenza ta’ dizordni mentali vera ta’ xorta u grad li tiggustifika detenzjoni forzata, stabbilita fuq bazi ta’ perizja medika oggettiva[7].

**24.** Il-Qorti tikkondividi pienament dan il-hsieb u dawn il-kriterji fuq enuncjati in vista ta’ dak li inghad aktar qabel f’din is-sentenza[8] dwar il-htiega li l-mizura eccezzjonali prevista fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.

**25.** Ghalhekk, sabiex il-Qorti tiddetermina l-kwistjoni riferita lilha mill-Qorti riferenti il-Qorti jehtigilha tezamina jekk l-applikazzjoni tal-Artikolu 623 tal-Kodici Kriminali invokat mill-Avukat Generali ghac-cirkostanzi tal-kaz ta’ llum ikunx konformi mal-kriterji fuq imsemmija.

**26.** Ma hemmx kwistjoni li l-ewwel kriterju gie sodisfatt. Di fatti il-periti psikjatrici huma kategorici fuq dan u huma daqstant kategorici li d-dizordni mentali identifikata hi wahda kronika u ilha fuq il-pazjenta ghal numru ta’ snin. Hemm kwistjoni, izda, dwar jekk jistax jinghad li d-dizordni mentali identifikata hijiex tax-xorta u grad li tiggustifika d-detenzjoni forzata u ghalhekk jekk t-tieni kriterju hux sodisfatt jew le. In kwantu ghat-tielet kriterju, dan ma hux applikabbli f’dan l-istadju ghaliex id-detenzjoni ghadha lanqas bdiet.

**27.** L-appellanti ssostni li llum l-istat mentali taghha huwa wiehed stabbli li ma jirrikjedix li hi titqieghed taht detenzjoni forzata. Mill-provi prodotti jirrizulta – u l-periti psikjatrici huma tal-fehma – li Pauline Vella qeghdha turi evidenza li qeghdha tiehu l-kura regolari, u s-sintomi tal-kundizzjoni taghha qeghdin jitjiebu u rrakkomandaw illli Pauline Vella “tibqa’ taht il-kura psikjatrika fuq bazi kommunitarja b’vizti regolari u kura farmakologika fit-tul.” Jidher li l-pozizzjoni ghadha l-istess illum ghaliex il-Qorti

[7] ECHR Kolanis v UK *loc. cit.*
[8] Ara # 22

ma gietx informata b'xi kambjament fis-sitwazzjoni tal-appellanti kif imfissra mill-periti psikjatrici. Il-Qorti hi tal-fehma li jekk il-Qorti riferenti tkun sodisfatta li s-sitwazzjoni tal-appellanti llum hija kif spjegata mill-periti psikjatrici u l-appellanti ghadha qed tircievi regolarment il-kura psikjatrika fuq bazi komunitarja b'vizti regolari abbinata mal-kura farmakologika indikata mill-esperti psikjatrici allura f'dawk ic-cirkostanzi jigi nieqes it-tieni kriterju fuq indikat, u cioe` li d-dizordni mentali trid tkun ta' xorta u grad tali li tiggustifika d-detenzjoni forzata, bil-konsegwenza li jekk jinghata l-ordni indikat mill-Artikolu 623 tal-Kodici Kriminali meta jkunu jippersistu c-cirkostanzi partikolari msemmija dan ikun jikser l-Artikolu 34(1)(i) tal-Kostituzzjoni.

*L-allegat ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni*

**28.** L-allegazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni tistrieh fuq l-allegata arbitrarjeta` tad-detenzjoni jekk isir, fil-konfront tal-apellanti, l-ordni previst fl-Artikolu 623 tal-Kodici Kriminali u dan ghar-raguni li ma gietx riskontrata fl-appellanti dik id-dizordni mentali tax-xorta u grad li tiggustifika d-detenzjoni forzata taghha fi sptar psikjatriku u minhabba l-fatt li darba ssir l-istess ordni ma jkollhiex access dirett ghat-Tribunal ta' Revizjoni dwar Sahha Mentali. Rigward il-fatt li l-ewwel raguni din il-Qorti gja` indirizzat il-kwistjoni mqajjma taht l-Artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni u ddecidiet li jekk il-Qorti riferenti tkun sodisfatta li s-sitwazzjoni tal-appellanti llum hija kif spjegata mill-periti psikjatrici u l-appellanti ghadha qed tircievi regolarment il-kura psikjatrika fuq bazi komunitarja b'vizti regolari abbinata mal-kura farmakologika indikata mill-esperti psikjatrici allura f'dawk ic-cirkostanzi jekk jinghata l-ordni indikat mill-Artikolu 623 tal-Kodici Kriminali meta jkunu jippersistu c-cirkostanzi partikolari msemmija dan ikun jikser l-Artikolu 34(1)(i) tal-Kostituzzjoni. Tenut kont ta' dan il-Qorti ma hix tal-fehma li hemm xi probabbilita` li l-appellanti tigi detenuta arbitarjament fi sptar psikjatriku.

**29.** In kwantu ghall-fatt li jekk tigi detenuta fl-isptar Monti Karmelu in segwitu ta' ordni skont l-Artikolu 623 tal-Kodici

Kriminali l-appellanti ma jkollhiex access dirett ghat-Tribunal ta' Revizjoni dwar Sahha Mentali l-Qorti ma tirravizax f'dan il-fatt l-estremi ta' "piena jew trattament inuman jew degradanti".

*L-allegat ksur tal-Artikoli 3 u 5 tal-Konvenzjoni Ewropea*.

In kwantu li l-kwistjoni riferita tirrigwarda l-allegazzjoni tal-appellanti ta' ksur tal-Artikoli 3 u 5 tal-Konvenzjoni il-Qorti hi tal-fehma li din l-allegazzjoni ma tirrikjedix konsiderazzjonijiet distinti minn dawk gja` maghmula rigward l-Artikoli 34 u 36 tal-Kostituzzjoni hlief li l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jirreferi wkoll ghall-projbizzjoni ta' tortura apparti piena jew trattament inuman jew degradanti. Dan certament ma jistax iwassal ghal konkluzjoni diversa minn dik raggiunta mill-Qorti rigward l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni peress li t-tortura tikkonsisti f'ghemil li jikkaguna sofferenza aktar intensa minn trattament inuman jew degradanti u tenut kont tal-fatt li din il-Qorti ma rravizatx l-estremi ta' trattament inuman jew degradanti ma tirravizax anqas l-estremi ta' tortura.

Ghall-motivi premessi l-appell, ghalhekk, hemm lok li jintlaqa' izda in vista tat-trapass ta' zmien minn meta saret ir-riferenza mill-Qorti riferenti lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili hu indikat li dan isir fis-sens infraskritt.

**Decide**

Ghaldaqstant, il-Qorti, fid-dawl tal-konsiderazzjonjiet premessi, filwaqt li tilqa' l-appell tirriforma s-sentenza appellata tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Dicembru 2008 billi

(a) tiddikjara li jekk il-Qorti riferenti tkun sodisfatta li s-sitwazzjoni kurrenti tal-appellanti hija kif spjegata mill-periti psikjatrici fix-xhieda u fir-relazzjoni taghhom Dok. MH (fol. 244 tal-atti tal-kumpilazzjoni) u li l-appellanti ghadha qed tircievi regolarment il-kura psikjatrika fuq bazi komunitarja b'vizti regolari abbinati mal-kura farmakologika indikata mill-esperti psikjatrici ordni moghti kif indikat mill-Artikolu 623 tal-Kodici Kriminali meta jkunu

jippersistu c-cirkostanzi partikolari msemmija jikser l-Artikolu 34(1)(i) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5(1)(e) tal-Konvenzjoni;

(b) tordna li l-proceduri kontra l-appellanti Pauline Vella ghandhom jissoktaw quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja (preseduta mill-Magistrat Miriam Hayman) billi dik il-Qorti tindaga jekk is-sitwazzjoni kurrenti tal-appellanti Pauline Vella ghadhiex kif spjegata mill-periti psikjatrici fix-xhieda taghhom u fir-relazzjoni taghhom fuq indikata u jekk l-appellanti ghadhiex qed tircievi regolarment il-kura psikjatrika fuq bazi komunitarja b'vizti regolari abbinati mal-kura farmakologika indikata mill-esperti psikjatrici b'dan li in segwitu dik il-Qorti ghandha tipprovdi fir-rigward tal-Artikolu 623 tal-Kodici Kriminali fid-dawl ta' dak deciz b'din is-sentenza;

(c) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, kemm quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll quddiem din il-Qorti ghandhom ikunu a karigu tal-Kummissarju tal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------